**407. Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Owen Bonnici jipproponi:**

Billi hija 1-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lis-segwenti għaqdiet sportivi b'titolu ta' enfitewsi temporanja, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għall-iskop, bil-kanoni taċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

Dok. A: Porzjon art ta' *circa* 1,338 metru kwadru lil Hibernians Basketball Club bħala estensjoni tal-Padiljun ta' Kordin b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. B: Porzjon art ta' *circa* 6,050 metru kwadru lil Valletta Football Club, magħrufa bħala 'Salinos Grounds', b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. C: Porzjon art ta' *circa* 325 metru kwadru lil S.K. Victoria Wanderers Football Club, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetajiet fuq imsemmija u kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġu mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil Hibernians Basketball Club, Valletta Football Club u S.K. Victoria Wanderers Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

15.07.2020